Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,965, 25 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 300 tal-2022

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.19.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasponu parzjalment id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "burdnar" tiegħu għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "id-Direttiva 2002/15/KE" tfisser id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/15/KE tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq;";

(b) it-tifsira "id-Direttiva 2006/22/KE" għandha tiġi sostitwita b' din it-tifsira l-ġdida li ġejja:

" "id-Direttiva 2006/22/KE" tfisser id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-

implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "prinċipal" għandhom jiġu miżjuda dawn it-tifsiriet l-ġodda li ġejjin:

" "Regolament (KE) Nru 561/2006" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85;

"Regolament (KE) nru 1071/2009" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE;

"Regolament (UE) Nru 1024/2012" tfisser Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI");

"Regolament (UE) Nru 165/2014" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq;".

Jemenda r-regolament 84 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 84 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "li hemm fit-Tmien Skeda." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li hemm fit-Tmien Skeda:" u immedjatament wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Awtorità għandha torganizza spezzjonijiet b'tali mod li jiġu kkontrollati mill-inqas tlieta fil-mija (3%) tal-jiem maħduma mix-xufiera ta' vetturi li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 u Regolament (UE) Nru 165/2014.";

(b) fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "tal-apparat tagħhom li jirreġistra." għandhom jiġi sostitwiti bil-kliem "tal-apparat tagħhom li jirreġistra:" u immedjatament wara għandu jiġi miżjud il-proviso l-ġdid li ġej:

"Iżda l-ispezzjonijiet fil-ġenb tal-moll jew fil-ġenb tat-triq dwar il-konformità ma' Taqsima IX ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu limitati għal aspetti li jistgħu jkunu vverifikati b'mod effiċjenti bl-użu tat-takografu u t-tagħmir ta' reġistrazzjoni relatat u spezzjonijiet komprensivi dwar il-konformità ma' dawn ir-regolamenti għandhom isiru biss fil-bini tal-impriża.";

(ċ) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu kif emendat, għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(2a) L-Awtorità għandha timmira l-ispezzjonijiet tagħha lejn l-impriża tat-trasport f'każ illi xufier jew xufiera li jkunu jaħdmu għall-istess impriża ta' trasport ikunu kontinwament jew serjament qegħdin jiksru r-Regolament (KE) Nru 561/2006 jew Regolament (UE) Nru 165/2014;";

(d) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu għandhom jiġu miżjuda dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(5) L-Awtorità għandha tippreżenta informazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/15/KE, li għandha tinkludi n-numru ta' xufiera li sarulhom spezzjonijiet mal-ġenb tal-moll jew mal-ġenb tat-triq, in-numru ta' spezzjonijiet li jkunu saru fil-bini tal-impriżi, in-numru ta' jiem tax-xogħol meta saru l-ispezzjonijiet u n-numru u t-tip ta' ksur li ġew irrappurtati, u għandha tindika jekk ġewx trasportati passiġġieri jew merkanzija.

(6) Sabiex jiġu ffaċilitati l-ispezzjonijiet mmirati fil-ġenb tal-moll jew fil-ġenb tat-triq, id-*data* li tinsab fis-sistema nazzjonali ta' klassifika tar-riskji għandha tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar ta' Malta kkonċernati fil-ħin tal-kontroll.

(7) L-Awtorità għandha tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar ta' Stati Membri oħra, l-informazzjoni li tinsab fis-sistema nazzjonali ta' klassifika ta' riskji, introdotta permezz ta subregolament (3), direttament aċċessibbli permezz tar-reġistri elettroniċi nazzjonali interoperabbli kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 f'konformità mal-Artikolu 16(2) ta' dak ir-Regolament.".

Jemenda r-regolament 85 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 85 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit b' dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) *ir-records* tal-ġurnata kurrenti tal-ispezzjoni u r-*records* tat-tmienja u għoxrin (28) ġurnata preċedenti, fi kwalunkwe każ fejn tinqabeż il-veloċità awtorizzata tal-vettura, li jrid jiġi definit bħala kwalunkwe perijodu ta' aktar minn minuta (1) li fiha l-veloċità tal-vettura teċċedi d-disgħin (90) kilometru fis-siegħa għall-vetturi tal-kategorija N_3;";

(b) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) il-funzjonament tajjeb tat-tagħmir tar-registrazzjoni, biex b'hekk jiġi determinat jekk intużax ħażin l-apparat u, jew il-karta tax-xufier, u, jew il-karti tar-*record*, u fejn japplika, il-verifika li l-istazzjonar ġie notifikat skont ir-regolament 6 tar-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta;";

L.S. 452.82.

(ċ) fil-paragrafu (f) tiegħu, il-kliem "tagħmir u qisien ta' vetturi bil-mutur." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tagħmir u qisien ta' vetturi bil-mutur;" u immedjatament wara għandhom jiġu miżjuda dan il-paragrafu u provisos ġodda li ġejjin:

"(g) ħinijiet massimi tax-xogħol fil-ġimgħa estiżi ta' sittin (60) siegħa u ħinijiet oħrajn tax-xogħol fil-ġimgħa kif stabbiliti f'regolament 27, unikament fejn it-teknoloġija tippermetti li jitwettqu verifiki effiċjenti:

Iżda minkejja l-paragrafi (a) sa (g) preċedenti, waqt l-ispezzjonijiet mal-ġenb tal-moll jew mal-ġenb tat-triq, ix-xufier għandu jkun jista' jikkuntattja liċ-ċentru tal-operat, lill-maniġer tat-trasport jew lil kwalunkwe persuna jew entità oħra sabiex jipprovdu, qabel tmiem l-ispezzjoni

mal-ġenb tal-moll jew mal-ġenb tat-triq, kwalunkwe evidenza li tkun instabet li kienet nieqsa abbord:

Iżda wkoll dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tax-xufier li jiżgura l-użu xieraq tat-tagħmir tat-takografu.".

Jissostitwixxi r-regolament 86 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 86 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b' dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Spezzjonijiet komprensivi.

86. (1) L-ispezzjonijiet fil-bini tal-impriżi tal-ġarr tal-merkanzija li joperaw internazzjonalment u li huma stabbiliti f'Malta, għandhom ikunu ppjanati fid-dawl tal-esperjenza tal-passat fir-rigward tad-diversi tipi ta' trasport u ta' impriżi u l-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu wkoll jekk jinstab xi ksur serju tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 jew Regolament (UE) Nru 165/2014 jew ksur ta' dawn ir-regolamenti waqt spezzjoni fil-ġenb tal-moll jew fil-ġenb tat-triq.

(2) Spezzjonijiet fil-fond tal-impriżi tal-ġarr tal-merkanzija li joperaw internazzjonalment u li huma stabbiliti f'Malta għandhom, minbarra d-disposizzjonijiet tar-regolament 85, jinkludu spezzjoni fuq dan li ġej:

(a) il-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa u l-ħinijiet tas-sewqan bejn dawn il-perijodi ta' mistrieħ;

(b) l-osservanza tal-limitazzjonijiet tal-ħinijiet tas-sewqan ta' kull ġimgħatejn;

(ċ) ir-*record sheets*, l-*unit* ta' fuq il-vettura u d-*data* tal-karta tax-xufier u l-*printouts*;

(d) konformità mar-rekwiżiti dwar il-ħinijiet medji massimi tax-xogħol fil-ġimgħa, il-pawżi u x-xogħol ta' bil-lejl;

(e) osservanza tal-obbligi tal-impriżi fir-rigward tal-ħlas tal-akkomodazzjoni tax-xufiera u l-organizzazzjoni tax-xogħol tax-xufiera.

(3) L-Awtorità' tista', jekk tqis li jkun xieraq, tikkontrolla ir-responsabbiltà konġunta ta' instigaturi jew aċċessorji oħra fil-katina tat-trasport, bħalma huma l-burdnara, l-ispedituri tal-merkanzija jew il-kuntratturi, jekk ikun instab li twettaq xi ksur, inkluż il-verifiki li l-kuntratti għall-provvista tat-trasport huma konformi mar-Regolament (KE) Nru 561/2006 u Regolament (UE) Nru 165/2014.".

B 2288

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara r-regolament 87 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiġu miżjuda dawn ir-regolament ġodda li ġejjin:

"Spezzjonijiet miftiehma.

87A. (1) L-Awtorità għandha, mill-inqas sitt (6) darbiet fis-sena, twettaq spezzjonijiet miftiehma fil-ġenb tat-triq jew tal-moll, fuq sewwieqa u vetturi li jaqgħu fl-iskop tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 jew Regolament (UE) Nru 165/2014.

(2) L-Awtorità għandha torganizza spezzjonijiet miftiehma addizzjonali fil-bini tal-impriżi.

(3) L-ispezzjonijiet miftiehma msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) għandhom jitwettqu fl-istess waqt mill-awtoritajiet tal-infurzar ta' żewġ (2) Stati Membri jew aktar, kull wieħed minnhom jopera fit-territorju tiegħu stess.

Relazzjonijiet intrakomunitarji.

87B. L-Awtorità għandha tkun responsabbi għar-relazzjonijiet intrakomunitarji u għandu jkollha l-kompiti li ġejjin:

(a) li taċċerta l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet ta' infurzar fl-Istati Membri l-oħra konċernati fir-rigward ta' azzjonijiet meħuda fi spezzjonijiet miftiehma;

(b) li tgħaddi l-prospetti tal-istatistika li jsiru kull sentejn lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006;

(ċ) li jkollha r-responsabbiltà prinċipali sabiex tassisti lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra;

(d) li jiġi żgurat skambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra skont regolament 87Ċ fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Skambju ta' Informazzjoni.

87Ċ (1) Informazzjoni li titpoġġa għad-dispożizzjoni bilateralment skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 għandha tiġi wkoll skambjata bejn l-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti ta' infurzar ta' Stati Membri oħra u notifikata lill-Kummissjoni Ewropea f'konformità ma' regolament 87B:

(a) tal-anqas darba kull sitt (6) xhur wara t-2 ta' Frar 2022;

(b) fuq talba motivata minn Stat Membru f'każijiet individwali.

(2) L-Awtorità għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba minn Stat Membru ieħor skont is-subregolament (1)(b) fi żmien ħamsa u għoxrin (25) jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba, sakemm ma jiġix miftiehem limitu ta' żmien iqsar bi qbil reċiproku bejn l-Istati Membri. F'każijiet urġenti jew f'każijiet li jeħtieġu biss konsultazzjoni sempliċi tar-reġistri, bħal reġistri ta' sistema ta' klassifika tar-riskju, l-informazzjoni mitluba għandha tiġi pprovduta fi żmien tlett (3) ijiem ta' xogħol:

Iżda meta l-Awtorità tqis li t-talba ma tkunx suffiċjentement motivata, għandha tinforma lill-Istat Membru li jkun qiegħed jagħmel it-talba f'dan is-sens, fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol minn meta tasal it-talba. L-Istat Membru li jkun qiegħed jagħmel it-talba għandu jissostanzja aktar it-talba. Meta l-Istat Membru li jkun qiegħed jagħmel it-talba ma jkunx jista' jissostanzja aktar it-talba, l-Awtorità tista' tiċħad it-talba:

Iżda wkoll meta jkun diffiċli jew impossibbli li wieħed jikkonforma ma' talba għal informazzjoni jew li jsiru kontrolli, spezzjonijiet jew investigazzjonijiet, l-Awtorità għandha tgħarraf lill-Istat Membru li jkun qiegħed jagħmel it-talba f'dan is-sens, fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol minn meta tasal it-talba u tipprovdi raġunijiet sabiex debitament tiġġustifika dik id-diffikultà jew l-impossibbiltà. Għandu jsir kull sforz bil-għan li tinstab soluzzjoni.

(3) L-iskambju ta' informazzjoni previst f'dan ir-regolament għandu jiġi implimentat permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, sakemm l-Istati Membri ma jkunux qegħdin jiskambjaw permezz ta' konsultazzjoni diretta tar-reġistri elettroniċi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 16(5) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.".